# 30. Peppinu u Rożi

Peppinu ħabb lil Rożi
bħall-mimmi ta' għajnejh;
u Rożi kienet tħobbu,
u kellha ġibda lejh;

'Mma Peppi kien fqir bosta,
kien jgħix biss bil-vjolin
li jdoqq kull fil-għaxija
fil-ħwienet tal-baħrin.

U m'hemmx li jsib xogħol ieħor
biex jgħix naqra ta' nies,
u jixtri ftit għamara,
u jixtri ftit tal-ġhież.

Fit-tul taż-żmien lil Rożi
Ġakkinu offrielha ż-żwieġ,
u ried jagħmlilha kollox…
l-għamara, l-ġhież, it-tieġ.

Ġakkinu kellu l-bini:
terran u mezzanin,
u mhux igħix u jgħajjex
bin-naqra ta' vjolin!

U Rożi lilu żżewġet,
u għamlet tieġ biż-żfin;
u wieħed minn l-orkestra
kien Peppi bil-vjolin.

Iżda l-imsejken Peppi
kif strombla waqt id-daqq!
stunar, taħwid li jġagħlek
timrad bl-uġigħ ta' żaqq.

Kulħadd lejh beda jħares,
iħares jidħak bih;
u Peppi ħmar u rrabja
u xaqq l-għaraq għalih.

U fl-aħħar infaqgħetlu
u farrak il-vjolin!
Aħjar li kieku kellu
terran u mezzanin!